MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2002

Numru. 783/2001
Kawza Numru. 78

**Il-Pulizija
(Spettur Antonello Grech)
- vs -
Joseph Attard bin Lawrence u Mary nee Gatt, imwieled fis-7 t' Ottubru 1953 u li joqghod 'Maria Bambina', 5, Triq John Otto Bayer, Xaghra, Ghawdex. Karta ta' l-Identita` Nru. 57953 (G)**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat gie mressaq quddiemha talli bhala persuna registrata mall-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, naqas sal-hmistax-il jum tat-tieni xahar li jigi wara l-ahhar jum li fih intemmu z-zminijiet ta' taxxa relattivi li tibghat lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud id-denunzja tat-taxxa ghaz-zminijiet ta' taxxa li ntemmu fit-30 ta' Gunju 2000, fit-30 ta' Settembru 2000 u 31 ta'

Dicembru 2000 u dan bi ksur tal-artikoli 27(1) u 76 ( c ) ta' l-Att Nru XXIII ta' l-1998.

Il-Qorti hija mitluba tordna lill-imputat jikkonforma ruhu mal-ligi fi zmien bizzejjed biex ikun jista' jaghmel dan, liema zmien m'ghandux jeccedi tlett xhur, taht penali ta' mhux anqas minn zewg liri u mhux iktar minn ghaxar liri ghal kull jum li dak in-nuqqas ikompli wara li jghaddi l-imsemmi zmien moghti mill-Qorti.

Semghet il-provi;

Issib lill-imputat hati;

Wara li rat l-artikoli 27(1) u 76(c) tal-Kap XXIII tal-1998;

Tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' mitejn lira Maltin (Lm200) u tordnalu jottempora ruhu sa zmien tlett xhur mil-lum fuq penali ta' zewg liri Maltin (Lm2) multa kull jum fin-nuqqas.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------